MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 138/2007

**Il-Pulizija**

**v**

**Carmel sive Charles Pace**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel sive Charles Pace ta' 37 sena iben Carmel u Maria nee Aquilina, mwieled Msida fil-25 ta' Dicembru 1961 talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Lulju 1999 u s-sebat ijiem ta' qabel din id-data (**i**) kellu fil-pussess tieghu droga specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 bi ksur tal-ligi, liema droga ma kinetx ghall-uzu esklussiv tieghu, (**ii**) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i bi ksur tal-ligi, (**iii**) fl-istess zmien bil-hsieb li jagmel hsara lil xi persuna, akkuza dik il-persuna quddiem awtorita` kompetenti

b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 101 tal-Kap. 9, (**iv**) talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja b'reat, u dan bi ksur tal-Artiklu 110(1) tal-Kapitlu 9; (**v**) talli fl-istess zmien u cirkostanzi ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat sar, u dan bi ksur tal-Artiklu 110(2) tal-Kapitlu 9; u aktar (**vi**) talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datati 7.12.1987, 26.07.1991, 7.12.1994, kif ukoll (**vii**) talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kapitlu 9 billi kkommetta reati li ghalihom hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' zewg sentenzi sospizi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) "id-datata (*sic* !) 1.03.1999 Awla 2";

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Marzu, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel sive Charles Pace "hati ta' l-ewwel imputazzjoni fil-livell ta' pussess semplici, hati tat-tieni imputazzjoni bl-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni, hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni bit-tielet u bil-hames imputazzjoni assorbiti fir-raba' wahda, hati tas-sitt imputazzjoni u hati tas-seba imputazzjoni", u ikkundannatu (**a**) tmien (8) xhur prigunerija u hlas ta' multa ta' tlett mitt lira (Lm300) ghall-ewwel sitt reati u (**b**) flok gabet fis-sehh is-sentneza sospiza estenditha b'sentejn ohra b'sehh mid-data ta' l-ewwel sentenza u dan skond ma jipprovdi l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, Kap. 9; dik il-qorti pprovdiet ukoll li l-multa tista' tithallas b'rati ta' Lm50 fix-xahar bl-ewwel pagament mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data ta' dik is-sentenza u f'kaz ta' nuqqas ta' xi pagament il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa u jkun konvertit minnufih f'jum prigunerija ghal kull hames liri mhux imhallsa; fl-ahharnet dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsein [recte: supervizjoni] tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Carmel sive Charles Pace, minnu prezentat fit-3 ta' April 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2007; ikkunsidrat:

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji, tajjeb li wiehed jigbor fil-qosor dak li rrizulta mill-provi. L-appellant ghandu zewgt itfal minn mara li, pero`, f'xi zmien bdiet tghix ma' persuna ohra, certu Martin Xuereb. L-appellant u Xuereb kienu jafu lil xulxin, u f'xi zmien l-appellant kien anke jimpjega lil Xuereb mieghu. Xi ftit jiem qabel it-2 ta' Lulju 1999 l-appellant sab *pouch* li kien fiha l-karta tal-identita` u l-licenzja tas-sewqam ta' Xuereb; dawn Xuereb kien tilifhom, tant li kien ghamel rapport lill-pulizija. L-appellant zamm dawn l-oggetti ghandu u beda jahseb kif jista' jinkrimina lil Xuereb b'xi haga biex "jehel Martin u forsi Ruth u t-tfal jigu lura ghandi"[1]. Ghalhekk xtara hdax-il qartas kokajina biex ipoggihom fl-imsemmi *pouch* u jpoggi kollox fil-vettura ta' omm it-tfal tieghu biex b'hekk jehel Xuereb peress li dan f'xi zmien kellu problema tad-droga. L-appellant sab l-okkazjoni nhar it-2 ta' Lulju 1999 meta l-imsemmija Ruth marret flimkien ma' Martin u t-tfal ghand l-appellant biex tigbor ic-*children's allowance*. Peress li hija ilmentat minn xi problema fil-vettura, l-appellant ataparsi offra li jara x'kienet il-problema u dak il-hin pogga l-*pouch* bl-oggetti fiha, inkluza l-kokajina, taht is-*seat* tal-passiggier. Wara li Martin u Ruth telqu, huwa cempel lill-pulizija u qalilhom li Martin Xuereb kellu d-droga fil-vettura li kien fiha. Il-pulizija intercettaw il-vettura u, naturalment, sabu l-kokajina proprju fejn, ad insaputa ta' Ruth u Martin, kien poggiha l-appellant.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li hu gie akkuzat b'pussess u traffikar ta' erojina mentri fil-fatt id-droga li instabet kienet kokajina. Ghalhekk l-appellant qed jitlob li jigi lliberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet. Dana

[1] Ara l-istqarrija tal-appellant lill-pulizija a fol. 13 tal-atti.

l-aggravju huwa wiehed fieragh. Fl-ewwel zewg imputazzjonijiet, kif jirrizultaw mill-att ta’ citazzjoni a fol 1 tal-process, la tissemma’ kokajina u lanqas erojina, izda biss “droga specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi”. Effettivament kemm l-erojona kif ukoll il-kokajina huma msemmija f’din l-Ewwel Skeda, u ghalhekk ma hemm ebda dissonanza bejn l-ewwel zewg imputazzjonijiet u l-fatti rizultanti. Kien biss fis-sentneza ta’ l-ewwel qorti li, ghal xi raguni, meta din giet biex tirriproduci l-imputazzjonijiet kif dedotti, fl-ewwel zewg imputazzjonijiet dahhlet, erroneament, il-kelma “erojina”. Ghalhekk dana l-aggravju huwa infondat.

It-tieni aggravju hu, bazikament, fis-sens li huwa ma kellux jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni. Din il-Qorti, ezaminati l-atti kollha, hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun. Ghalkemm jista’ jkun hemm cirkostanzi fejn, meta persuna tpoggi droga f’post fejn din tista’ tinstab, anke jekk biss kazwalment, minn xi hadd iehor dak l-eghmil ikun jammonta ghall-att li bih dik il-persuna tkun forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga (skond id-dicitura tar-regolament 4 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939), <u>fil-kaz in dizamina</u>, galadarba l-appellant kien qed jipprevedi mhux li Xuereb isib id-droga <u>izda proprju li din tinstab mill-pulizija qabel ma jsibha Xuereb</u> (kif fil-fatt gara), ma jistax jinghad li l-appellant forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga lil xi persuna jew ghal xi persuna. L-appellant b’eghmilu pogga d-droga biex tinstab <u>mill-pulizja</u>, u dan bl-iskop li Xuereb jigi ingustament akkuzat. Ghalhekk l-appell f’dana r-rigward ser jigi akkolt.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jikkontendi li huwa ma kellux jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija. Din il-Qorti ma taqbilx. L-appellant ghandu fedina penali refrattarja. Huwa ghandu xejn anqas minn erbatax-il kundanna, xi whud minnhom ghal reati bhal falsifikazzjoni, truffa, approprjazzjoni indebita, tizmim ta’ senter bla licenzja u aggressjoni fuq ufficjali pubblici. Pero` l-aktar gravi certament huwa l-fatt li ipprova johloq montatura biex persuna innocenti tigi akkuzata b’reat serju – dak li popolarment jissejjah “frame up”. Kollox

ghalhekk jindika li l-piena ghandha tkun wahda karcerarja b'effett immedjat, ghakemm naturalment ghandu jittiehed qies tal-fatt li huwa ser jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassraha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lil Carmel sive Charles Pace hati skond it-tieni imputazzjoni kif ukoll fejn ikkundannatu ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija u minflok tilliberah mit-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija (fir-rigward tar-reati l-ohra li taghhom huwa instab hati), izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija u cioe` fir-rigward tas-sejbien ta' htija dwar l-imputazzjonijiet l-ohra kif ukoll il-kundanna ghall-multa ta' tlett mitt lira u l-estensjoni tal-periodu operattiv tas-sentenza sospiza tal-1 ta' Marzu 1999. Is-sentejn estizi ta' dan il-periodu operattiv jibdew jiddekorru mill-lum, u jibda jiddekorri mill-lum ukoll il-periodu ta' erba' gimghat imsemmi fis-sentenza appellata. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (5) tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------